MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1109/2005

**Frank Borda Limited (C446)**
**vs**

**Adrian Attard (ID296478M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta’ Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta’ mija u sitta u tmenin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm186.44), rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u supplita lilu mis-socjeta` attrici.**

**Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li fl-14 ta' Gunju, 2005 il-kawza giet differita peress li l-konvenut kien indispost ghal jumejn jew tlett ijiem skond certifikat mediku esebit.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fit-8 ta' Lulju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma giet prezentata risposta, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sitta u tmenin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm186.44) bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Mejju, 2005.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------